# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-10 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 22 ta' Settembru 2015 fis-6:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħ** | Owen Muscat |

| | |
|---|---|
| **10/01** | **Talba** |
| **10/01/01** | Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatur Żagħżugħ Owen Muscat ġie skużat. |
| **10/02** | **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 9** |
| **10/02/01** | Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti. |
| **10/03** | **Punti mtella' mill-Minuti 9** |
| **10/03/01** | **Para 09/03/01:** Rigward it-twessiegh ta' Triq IL-Gnien, il-perit qieghed ihejji rapport hekk kif talbuna transport malta. Il-perit ghandu izzomna infurmati fuq xi spejjez inkunu dehlin fihom. |
| **10/03/02** | **Para 09/03/02:** L-Agent S.E. informa li ghadu ma infurmax lil Green Procurement Department dwar it-tenders tal-qtuh tal-haxix u t-tender tal-knis. Ghal darba ohra hu intalab li jaghmel dan immedjatament. |
| **10/03/03** | **Para 09/03/03:** Għandha tintbagħat reminder lill-Assistent Kummissarju biex issir laqgħa miegħu. Sadanittant l-Agent S.E. ikkonferma li kien kiteb lill-Kummissarju dwar in-nuqqas ta infurzar mill-Pulizija fil-jiem tal-festa. |
| **10/03/04** | **Para 09/03/04:** Wara *site inspection* jidher li l-wires li hemm huma kollha qed jintużaw. |
| **10/03/05** | **Para 09/03/05:** Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku u l-Kunsillier Christopher Fenech iltaqgħu mas-Segretarju Parlamentari Chris Aguis dwar is-sit fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki. Din il-laqgha ġiet deskriva bħala waħda pożittiva. Ghalissa s-sit ghadu propjeta' ta' B'Kara St Joseph Sports Club. Għandha ssir laqgħa oħra bħala follow-up f'Jannar 2016 meta suppost is-sit ikun ghadda ghand il-KMS. |

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

| | |
|---|---|
| **10/03/06** | **Para 09/03/6:** Gie deciz li ssir site visit flimkien mal-kuntrattur dwar it-talba biex tehel mera fi Triq San Gwann faccata ta' Triq Gargallo. |
| **10/06/07** | **Para 09/05/07:** Dwar it-talba sabiex isir line isfar fi Triq Sta Katerina faccata tal-VRT Garage s-Sindku informa li hu ser ikellem lil min kien ghamel it-talba. |
| **10/03/08** | **Para 09/03/10:** Il-Kunsill gie infurmat li ufficcjali tal-MEPA kien ghamlu *site visit* f'Wied Anglu fejn qed isir radam fil-wied u dawn kienu waqqfu milli jsir aktar radam u xogholijiet. |
| **10/03/09** | **Para 09/03/11:** L-Agent S.E. informa li ghad irid jibghat lil Malta Public Transport it-talba ghal hlas lura tal-ispejjez biex titranga l-crash barrier fi Triq Stiefnu Zerafa. |
| **10/03/10** | **Para 09/03/12:** L-Agent S.E. informa li l-kuntratti ghas-servizz tal-Perit u ghal-qtuh tal-haxix kienu gew iffirmati wara li l-kuntratturi ipprovdew il-*Performance Guarantee*. Rigward il-kuntratt tal-qtuh tal-haxix l-Agent S.E. ikkonferma li ghalkemm originarjament il-kuntrattur kien talab *retainer fee* li jithallas kull xahar, qabel gie iffirmat il-kuntratt kien sar ftehim mieghu li hu jithallas ir-rata stipulata fil-kuntratt kull meta jaqta l-haxix fit-toroq kollha imsemmija fil-kuntratt. |
| **10/03/11** | **Para 09/05/03:** Ġie deċiż li l-bozza fejn residenza fi Triq il-Gnien issir jekk l-Enemalta jaqblu li jghaddu ghas-spejjez taghhom il-*cable* sabiex jipprovdu l-provvista' tad-dawl. |
| **10/03/12** | **Para 09/05/07:** Kien hemm qbil li kif il-Kumitat tal-Festa jirranga l-ghatba tal-mahzen tal-armar fi Triq l-Oratorju l-Kunsill jirranga l-bankina skont il-bzonn. |
| **10/03/13** | **Para 09/06/03:** Is-Sindku u l-Kunsillier Christopher Fenech kienu iltaqgħu mas-Sur Mario Camillieri. Kien gie deciz li din is-sena ma tigix organizzata l-attivita' kulturali. Il-Kunsill ser jinforma lid-DLG li mhux ser jutilizza l-ghotja ta' €3,000. Gie deciz ukoll li l-Kunsill ghandu japplika ghall-fondi taht l-iskema l-gdida sabiex jorganizza l-attivita' tal-Ghar ta' San Brinkat f'Dicembru. Il-Kunsillier Mark Azzopardi u l-Agent S.E. ghandhom jiehdu hsieb jibghatu l-applikazzjoni. |
| **10/03/14** | **Para 09/06/06:** L-Agent S.E. informa li ghandna ma rcevejnix il-fondi taht l-iskema Measure 125 u l-Paying Agency ghandhom ma hallusx lil ELC. |
| **10/03/15** | **Para 09/06/07:** L-Agent S.E. informa li ghad irid jinforma lil GPD li l-kuntratt tal-kera tat-Torri tas-Semaforu ma ghadux fis-sehh. |
| **10/04** | **Approvazzjoni ta' Pagamenti** |
| **10/04/01** | L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. |
| | Is-Sur Mark Azzopardi skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.07pm. |

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

| | |
|---|---|
| **10/04/02** | Kien hemm qbil ukoll li jiġu approvati l-petty cash. |
| | Is-Sur Christopher Fenech skuża ruħu mil-laqgha fis-7.08pm. |
| **10/05** | **Ilmenti u Suġġerimenti** |
| **10/05/01** | 18115096234841 Talba minn resident biex il-Kunsill jagħmel xi ilqugħ biex l-ilma tax-xita ma jidħlox ġol-basement ta' resident. Ma kienx hemm qbil fuq din. Huwa r-responsabbiltà tar-resident li jipproteġi l-propjetà tiegħu. |
| **10/05/02** | 18115030234845 Talba minn resident biex jitwaħħlu żewġ mirja fi Triq l-Indipendenza biex ikun jista' jara t-traffiku li jkun ġej meta jkun qed joħrog mill-garage. Ġie deċiż li din ma ssirx. Dawn iridu jsiru mir-resident u jrid jitlob permess mill-Kunsill qabel ma jsiru. |
| | Is-Sur Christopher Fenech rega daħal għal-laqgħa fis-7.10pm. |
| **10/05/03** | 18115048234852 Talba minn resident biex issir *Motor Cycles bay* fil-Pjazza. Għandha ssir site visit fuq din. |
| **10/05/04** | Talba biex tehel tabella *No Parking* fi Triq Fidel Zarb u tabella *Cul de Sac* fi Triq Santa Katerina qabel tidhol ghat-triq li twassal ghall-post tan-nar. Kien hemm qbil fuq dawn. |
| **10/05/05** | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu saru double yellow lines minghajr permezz fi Triq Dun Karm Fenech. Hu kien ha hsieb li dawn jitnehhew. Il-Kunsillier Christopher Fenech qal li hu kien hemm min kellmu fuq dan. Ġie deċiż li ssir site visit f'din it-triq halli jigi deciz x'jista jsir. Sadanittant gie innutat li bi zball kienu tnehhew ukoll xi marki fil-kantuniera ta' Triq Dun Karm Fenech ma Triq Dun Salvatore Zarb. Dawn ser jergghu isiru. |
| **10/05/06** | Is-sindku wera it-talba gejja mid-delettanti tal-armar biex issir trinka fit-Triq tal-Balal sabiex minnha jghaddi cable halli l-arblu tal-bandiera li hemm fir-roundabout jinxtghel. Gie deciz li peress li Triq tal-Balal hi triq arterjali t-talba tintbaghat lil TM / Dipartiment tax-Xogholijiet. |
| **10/06** | ***Korrispondenza*** |
| **10/06/01** | Ġiet innutata r-risposta mis-Sur Christopher Galea fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ma jistax jiġbor ħlasijiet għall-*boundary walls* madwar siti tal-kostruzzjoni. Wara diskussjoni ġie deċiż li tintalab kjarifika jekk din l-esenzjoni hiex applikabbli ukoll ghall-boundary walls mibnija b'ġebel u bricks fuq art pubblika. |

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

| | | |
|---|---|---|
| **10/06/02** | Kien hemm diskussjoni fuq talba mingħand residenta li toqghod fi Triq Mons L. Catania. Sabiex tipprotegi l-propjeta' taghha din kienet kitbet lil TM. TM kienet awtorizzat li tinbena bankina madwar il-propjeta' ta' din ir-residenta. Peress li jidher li ser jitnaqqas spazju ta' parkegg is-Sindku issuggerixxa li ssir laqgha fuq il-post ma ufficcjali ta' TM. | |
| **10/06/03** | Rigward PHCD Memo 34/2015, għandu jsir l-avviż lill-anzjani tal-lokal biex jirreġistraw għall-injezzjoni tal-influwenza. Is-Sur Carl Grech għandu jagħmel ix-xogħol preparatorju għal din. | |
| **10/06/04** | Is-Sindku kien ltaqa' mal-Perit il-ġdid tal-Kunsill. Hu qal li bi preparazzjoni ghal meta johorgu skemi ta' finanzjament kien qed jigi suggerit li l-Perit jipprepara pjanti u disinni sabiex isiru certi progetti. Kien hemm diskussjoni dwar il-hlas lill-Perit sabiex isir dan ix-xoghol. Il-Kunsill hu tal-fehma li l-hlas isir meta jingiebu l-fondi (Success Fee). Is-Sindku ser jiddiskuti mal-Perit dwar dan. | |
| **10/07** | **Materji oħra u mistoqsijiet** | |
| **10/07/01** | Is-Sindku tkellem rigward Sqaq il-Ħofra fejn informa lill-Kunsill li ltaqa' ma' residenti u kuntrattur li qed jaħdem hemm. Ġie deċiż li ghal darba ohra ninistu ma TM biex tinbena u tinkesa din it-triq. Hu issugerixxa li jinbena culvert fejn katusa li minnha johrog l-ilma. Ġie deċiż ukoll li tinġabar stima sabiex isir dan il-culvert kif ukol jigi ikkonfermat li dan hu xoghol pubbliku u li l-katuza qed tigbor l-ilma tal-giebja u mhux minghand il-privat. | |
| **10/07/02** | Is-Sindku talab li jintbaghat ir-rapport tal-MCCAA dwar tal-Ġnien Żagħruna lill-Perit tal-Kunsill biex ikun jista' jagħmel l-istimi mehtiega biex issir applikazzjoni għall-fondi UIF. Kien hemm qbil unanimu. | |
| **10/07/03** | Is-sindku ressaq it-talba biex jitnehha Reserved Parking Bay fi Triq Emmanuel Perren peress li l-iskola tas-Sorijiet ma ghadix topera. Kien hemm qbil unanimu.<br><br>Hu nforma ukoll lill-Kunsill bis-suċċess tal-football tournament li ġie organizzat mis-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ flimkien mal-Gharghur FC.<br><br>Rigward suggeriment biex jehlu aktar *bins* fi Triq Ghaxqet l-Ghajn gie innutat li diga hemm diversi bins u hafna drabi dawn l-anqas biss jintuzaw. | |
| **10/07/04** | Is-Sur Christopher Fenech:<br><br>Informa lill-Kunsill li ser jorganizza ħarga kulturali għall-Mitħna tax-Xarolla fis-27 ta' Ottubru 2015.<br><br>Informa lill-Kunsill li din is-sena ser jigi organizzat Kant fost l-ohrajn mill-Kor tat-Tfal fit-13 ta' Diċembru 2015 fil-Kappella ta' Sta Marija taz-Zellieqa. | |
| **10/07/05** | Il-Kunsill qabel fuq is-suggerimnet tal-Kunsillier is-Sur Christopher Fenech li jkompli jahdem biex jitlestew il-boards bl-infomazzjoni quddiem bini storiku. Gie deciz ukoll li jinxtraw aktar qsari u xtieli. | |

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


| | |
|---|---|
| **10/07/06** | Christopher Fenech tkellem fuq il-bzonn li l-hitan ta’ Gnien il-Ponta jigu infurazati. Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sur Ronnie Gauci kien offra li jaghmel dan xoghol volontarju sabiex fuq il-hitan tas-sejjieh li hemm fil-Gnien tal-Ponta jitpogga l-konkrete. Il-Kunsill qabel li jixtri l-konkrete halli jsir dan ix-xoghol.<br><br>Is-Sur Fenech fakkar li għad iridu jitħawwlu 30 siġra mill-LEAP. Gie deciz li jinstab post fejn l-ahjar jigu mhawwla dawn is-sigar.<br><br>Hu qal ukoll li plakka ta' l-isem tat-Triq il-Wiegħsa qeda kwazi fi Triq il-Kbira. Ġie deċiż li titneħħa din t-tabella. |
| **10/07/07** | Il-Vici Sindku fakkar li jekk ser jinhareg fuljett bhal ma jsir is-soltu f’Dicembru hemm bzonn li tinhareg issa s-sejha ghall-kwotazzjonijiet. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-fuljett jinħareġ f'April 2016 u jkun ikopri l-ewwel sena ta’ hidma ta’ dan il-Kunsill. |
| **10/07/08** | Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill li l-Coffee Morning li kien sar ghall-anzjani kien ta' suċċess u issa ser jigi organizzat ieħor f'Ottubru. Hu ser jiehu hsieb ukoll jorganizza attività għall-Milied. Hu nforma lill-Kunsill li qed ikompli jiddiskuti l-proposta sabiex jinfetaħ Family Resource Centre u anke possibbilment Day Centre għall-anzjani fil-Għargħur. |
| **10/07/09** | Kien hemm diskussjoni fuq it-tender għal Servizzi ta' Accountant. Ġie innutat li kien hemm 3 offerti. L-Agent S.E. ikonferma li t-tenders kollha kellhom id-dokumenti mitluba korretti. Is-Sindku ippropona li tintgħażel l-offerta ta' D Consulta peress li hija l-irħas offerta. Is-Sur Mario Gauci ssekonda. Kien hemm qbil unanimu. |
| **10/07/10** | Kien hemm diskussjoni fuq it-Tender għal knis u tindif tat-toroq Gie innutat li kien hemm 6 offerti. L-Agent S.E. ikonferma li t-*tenders* kollha kellhom id-dokumenti mitluba korretti. Is-Sindku ippropona li tintgħażel l-offerta ta' Owen Borg peress li hija l-irħas offerta. Is-Sur Mario Gauci ssekonda. Kien hemm qbil unanimu. |
| **10/08** | **Aġġornament** |
| **10/08/01** | Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.15 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 7 ta’ Ottubru 2015 fis-6.00 p.m. |

**Giljan Aquilina** **Kurt Guillaumier**
**Sindku** **Aġent Segretarju Eżekuttiv**